MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 74/2005

Kawza fil-lista: 54

**Av.Philip Manduca [I.D.339960M] bhala mandatarju specjali tas-socjeta' PUMA AG Rudolf Dassler Sport**
**Vs**
**Dr.Mark Busuttil u l-PL.Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati nominati b' digriet tal-21 ta' Frar 2005 sabiex jirrappresentaw lil Libyan Olympic Committee**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Billi s-socjeta' attrici hi proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092.

Billi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta’ oggett li huwa identici ma’ dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta’ attrici giet registrata u dan billi gab f’Malta kwantita ta’ zraben bil-marki ta’ “Puma”.

Billi ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-societa’ attrici.

Billi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta’ l-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f’Malta mill-konvenut bil-marka proprieta tas-societa attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta’ l-Att dwar it-Trademarks.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-trademark jew trademarks proprieta tas-societa attrici u b’hekk ikkaguna danni lis-societa attrici

2. tillikwida d-danni sofferti mis-societa attrici minhabba l-agir tal-konvenut

3. tikkundanna lil konvenut ihallas lis-societa attrici dawk id-danni fuq imsemmija

4. tordna l-qerda tal-oggetti (zraben u track suits) spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f’Malta mill-konvneut bit-trademark/s tas-societa’ attrici.

Bl-ispejjes presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

1. Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti w ghalhekk qed jirriserva d-dritt li jippresentaw l-eccezzjonijiet f’stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarrazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi mill-provi nkontestati rrizultaw provati l-ewwel u r-raba talbiet attrici li ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi rigward it-tieni u t-tielet talba, il-Qorti tosserva li ma tressqu ebda provi in propositu, u ghalhekk dawn it-talbiet ma jistghux jissussistu ghax mhux sostnuti bi provi.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' l-ewwel u r-raba talbiet tal-attur nomine u, ghall-fini tar-raba talba tiffissa perijodu ta' gimghatejn sabiex jinqerdu l-oggetti indikati fl-att tac-citazzjoni, meritu tal-kawza; tichad it-tieni u t-tielet talba.

L-ispejjez relattivi ghal-ewwel u ghar-raba talba ghandhom ikun a kariku tal-konvenuti, filwaqt li dawk relattivi ghat-tieni u ghat-tielet talba jibqghu a kariku ta' l-attur nomine.  Izda provvizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu kollha mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------